jew Yitzilipuztli, xbieha tal-għaġina li wara kienet tittiekel minnies li jkun hemm (9).

Minn dan li għidna nistgħu ngħidu li fid-drawwa tal-*Qarċilla* għandna fdalijiet ta' xi rit qadim li kien isir qabel għeluq ix-xitwa, qabel ma terġa' sena ta' ħdura u ta' wċuħ kotrana. Hemm ukoll f'dawn il-fdalijiet rabta mal-kult ta' Djonisju bħala alla tal-biedja kif ukoll bħala protettur tad-dielja u tax-xorb. Dwar il-biċċa ta' l-att taż-żwieġ, imbagħad, din għandha tirqies għaliha, bħala żieda li saret wisq wara, u li tista' tixħet dawl fuq il-bidu tat-teatru komiku Malti.

(9) *Ibidem*, p. 488.

---

## LEĦEN L-GĦANJA TAS-SKIET

*Ta'* Ġużi Abela

Inħossha qed tidwi
qed tidwi f'widnejja
il-għanja ta' ħajja
ta' ħajja fis-skiet.

Inħossha qed toqrob
qed toqrob ftit lejja,
u f'qalbi qed tfawwar
qed tfawwar ħlewwiet.

Inħossha saħħritni
saħħritni u tajritni,
tellgħetni fil-għoli,
'il fuq, fis-smewwiet.

Kont waħdi qed naħseb
f'mixjiti għajjiena
xħin leħen sejjaħli,
sejjaħli bil-ħniena.

U jien ħriġt minn triqti,
fittixtu madwari,
fittixtu fil-ġonna,
fittixtu fix-xagħri.

U għadni niġġerra
f'did-dalma madwari,
u għadu jsejjaħli
il-leħen ta' dari.

Corpus Christi College,
Victoria, Australia.



## DAWL U DIJA

*Ta'* Pawlu Aquilina

L-Ave Marija!...
Niżlet ix-xemx xitwija,
Wara s-Sallib ta' l-Għolja.
Wiċċha kien aħmar nar bħal tal-pepprina.
Ħallet warajha,
Fis-sema blù u kiesaħ sew biż-żiffa,
Bħal swaba' twal, ħamrana,
Rotob, ħanina, wtieqa...
Li żegħlu bil-ħlejqiet ta' min ħalaqhom,
U taw il-ħajja ta' kuljum mixtieqa.

Intfiet il-ħmura...
Il-blù tas-sema qed jiswied u jsewwed
Kull ma taħt sidru jilma:
Il-baħar, l-għolja, il-wied twil, il-wita.
Dieħel il-lejl,
Ikeffen,
Fid-dalma tiegħu kull maħluq u ħlejqa.
Ġa mietu l-ħsejjes li joħonqu l-ħajja;
Isaltan ħelu ħelu qed jinfirex
Is-skiet ħanin u ħlejju.

Kwiekeb tal-fidda.
Xirfu fis-sema jpetptu;
Itertru bil-bard xiref ta' Diċembru.
Mijiet... eluf ta' ġamriet sħan jitbissmu,
Imlew is-sema tagħna.
Tawna ftit dawl u nkisret
Il-qoxra iebsa u sewda li keffnitna
U qalbna reġgħet tbissmet,
Mimlija ferħ u faraġ, risq u tama,
Li s-sebħ qed joqrob biex iżżernaq magħna.

* * *

Daqq nofs il-lejl...
U sebaħ f'daqqa waħda!
Is-sema mimli dija,
U kant u għana tal-ħlejqiet moħbija.